MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 376/2006

**Melita Insurance Agency Limited**

**vs**

**Mira Cars Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti premettiet:

Illi s-socjeta rikorrenti bieghet diversi poloz tal-assikurazzjoni lis-socjeta intimata;

Illi l-bilanc tad-diversi *premia* dovuti ghall-poloz imsemmija jammonta ghal dsatax-il elf, mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltija u hdax-il centezmu (LM19,229.11);

Illi ghalhekk is-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-imsemmija somma ta' dsatax-il elf, mitejn u

disgha u ghoxrin lira Maltija u hdax-il centezmu (LM 19,229.11);

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;

Illi, dan id-debitu tas-socjeta intimata fil-konfront tas-socjeta rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta rikorrenti tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma taghha s-socjeta intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti talbet li s-socjeta` intimata tghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti l-imsemmija somma ta' dsatax-il elf, mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm19,229.11);

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali mid-dati tal-fatturi relattivi, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 21 ta' Frar 2006 kontra s-socjeta intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subijzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret, u hadd ma deher mir-rapprezentanti taghha minkejja li saru d-9:45am u gew imsejha diversi drabi.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-

procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici**, b'dan illi:

1. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti l-imsemmija somma ta' dsatax-il elf, mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm19,229.11);

Bl-interessi legali mid-dati tal-fatturi relattivi, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 21 ta' Frar 2006 kontra s-socjeta intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------